# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Frar 2001.**

**Numru 18**

**Citaz. numru 2136/95 AJM**

**Joseph Abela u martu Pauline Abela u Geraldo u Carmen Brincat.**

**vs**

**Emanuela Gerada u b'digriet tas-17 ta' Jannar 2001, stante l-mewt ta' l-istess Emanuela Gerada fil-mori tal-kawza, l-gudizzju gie trasfuz f'isem Carmelo Gerada f'ismu proprju u ghan-nom ta' huh imsiefer Anthony Gerada, Rosaria sive Lucy Mizzi, Rose Zampa, Sylvia Mizzi, kif ukoll Marthese Sciberras u Grace Gerada mart il-mejjet Nazzareno, Graziella u Ronald Gerada, Rita Farrugia, Victor Grech b'digriet tat-13 ta' Ottubru 1999, l-atti gew trasfuzi f'isem Karmena Grech, Sylvia Cini, Joseph Grech u Raymond Grech stante l-mewta ta' Victor Grech fil-mori tal-kawza, f'ismu u ghan-nom ta' l-assenti ibnu Emanuel Vella, Salvina Mercieca, Josette Magro, Giuseppi Vella, Marthese Sciberras, Lawrence Gerada b'digriet tat-13 ta' Ottubru 1999, l-atti gew trasfuzi f'isem Grace Gerada stante l-mewt ta' Lawrence Gerada fil-mori tal-kawza, Eugenio Brincat, Paul Brincat, Anthony Brincat, Rita Balzan, Alfred Brincat u Grezia Cassar.**

**Il-Qorti;**

**DEZERZJONI**

B'sentenza tas-6 ta' Ottubru 1997, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-atturi. L-atturi appellaw minn dik is-sentenza b'rikors tal-appell prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Ottubru 1997. Ir-rikors gie debitament notifikat lill-konvenuti kollha.

Irrispondiet ghar-rikors tal-appell biss il-konvenuta Emanuela Gerada u dana b'risposta prezentata fir-Registru ta'dina l-Qorti fid-29 ta' Ottubru 1997. Din il-Qorti b'digriet taghha tal-31 ta' Awissu 1998 appuntat id-data tas-7 ta' Dicembru 1998 bhala l-ewwel jum tas-smiegh tal-kawza, in sede appell, u ordnat il-hrug tad-debiti avvizi, fosthom naturalment l-avviz skond l-artikolu 209 u 249 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi ghall-hlas tal-garanzija in kawtela tal-ispejjez tal-appell. Depozitu fl-ammont ta' mitt lira Maltin li kellu jigi maghmul sa lejliet il-jum tal-ewwel smiegh purche' l-appellant ikun gie notifikat almenu ghaxart ijiem qabel bl-avviz ghall-hlas tal-kawtela.

Irrizulta illi l-ufficjal ezekutur tal-Qorti ghamel notifika tal-avvizi tal-ewwel smiegh u tal-kawtela fid-9 ta' Settembru 1998, u allura ferm qabel ma bdew jiddikorru l-ahhar ghaxart ijiem qabel l-ewwel jum tas-smiegh. Ir-riferta tal-purtier ta' din il-Qorti taqra hekk :-

> "Nghid u nizgura li fid-9 ta' Settembru 1998, innotifikajt lil Joseph Abela et, billi hallejtu fl-indirizz moghti Safi, f'idejn Tessie Cachia b'kopja tal-kawtela, dana flimkien ma' estratt mill-artikolu 5 ta' l-

> Att dwar il-procederi Gudizzjarji (Uzu ta' l-ilsien Ingliz), Kapitolu 60 tal-Ligijiet ta' Malta".

L-indirizz moghti – u dan hu essenzjali – hu "Joseph Abela et, "Christus Rex", Zurrieq Road, Safi".

## VERBAL TAS-7 TA' DICEMBRU 1998

Meta ssejjah l-appell fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 1998, gie verbalizzat fil-prezenza tad-difensuri tal-partijiet illi "Billi minn l-atti jirrizulta li l-appell mhux kawtelat nonostante li l-appellant gie notifikat fit-terminu bl-avviz tas-smiegh, il-Qorti tiddikjara l-appell dezert u tordna l-kancellament tieghu minn fuq il-lista".

## RIKORS TAL-APPELLANTI

Fil-11 ta' Dicembru 1998, l-appellanti ghamlu r-rikors li bih talbu lil dina l-Qorti biex wara li taghmel verifiki mehtiega tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tas-7 ta' Dicembru 1998, li permezz tieghu l-appell tieghu kien gie dikjarat dezert. Dana fuq din il-motivazzjoni :-

> "Illi r-riferta li hemm fil-process tal-kawza ma tindikax bic-car jekk ir-rikorrent giex notifikat bl-avviz tas-smiegh tal-kawza jew inkella giex notifikat xi hadd iehor mhux awtorizzat li jircievi l-avviz ghan-nom tal-appellanti, illi mir-riferta jidher li giet notifikata persuna bl-isem ta' Theresa Cachia li ma toqghodx fl-indirizz tal-appellanti, illi r-rikorrenti appellanti jikkonfermaw illi huma qatt ma rcevew dan l-avviz tas-smiegh ghaliex kieku jkunu prezenti flimkien mal-avukati taghhom fid-data hawn fuq imsemmija."

Jirrizulta li l-appellanti Joseph u Pauline Abela kkonfermaw dan ir-rikors bil-gurament.

**RISPOSTA**

Il-konvenuta Emanuela Gerada opponiet din it-talba ghar-ragunijiet li fil-fehma ta' din il-Qorti ma jattakawx il-pern tal-kwistjoni li kellu jkun dak biss jekk ir-rikorrenti appellanti kienux jew le gew notifikati bid-debiti avvizi. Il-komportament taghhom f'okkazjonijiet ohra jew f'kawzi ohra huwa ghal kollox irrelevanti ghall-prezenti istanza, anki jekk jista' jkun indikattiv ta' "system of conduct".

**KONSIDERAZZJONI TA' DIN IL-QORTI**

Din il-Qorti naturalment indagat dwar il-korrettezza tar-riferta tal-purtier, li effettivament kien il-marixxal Alfred Buttigieg. Dan jikkonferma bil-gurament illi lil Joseph Abela nnotifikah fl-10 ta' Settembru 1998. Hu kien taha d-dokument lil Catherine Cachia, omm il-mara tieghu li kienet ukoll appellanti f'din il-kawza.

Iddikjara wkoll bil-gurament tieghu, dan l-ufficjal tal-Qorti, illi huwa kien mar fl-indirizz moghti u cioe' fl-indirizz li kellu mitkub fl-att, fejn sab lill-omm l-appellanti u tahilha personalment. Mitlub jikkonferma ghal darb'ohra jekk il-post fejn ghamel il-konsenja tal-att kienx l-indirizz moghti fuq l-att il-marixxal ikkonferma u zied jghid li kien gieli mar b'xi

atti ohra biex jinnotifika lill-appellanti fl-indirizz moghti lilu f'din il-kawza, Zurrieq Road, Safi.

Mistoqsi mill-avukat tal-appellanti dwar l-isem tad-dar, il-marixxal irrisponda, "Meta staqsejtha (lil omm Pauline Abela) qaltli 'qlajniha'". F'dan il-punt, il-Qorti tinnota illi l-indirizz tal-appellanti moghti minnu stess bhala dak fejn kellhom jigu notifikati bl-avvizi, kien proprju "Christus Rex", Zurrieq Road, Safi, li hu l-istess indirizz li nghata mill-atturi meta pprezentaw l-att tac-citazzjoni u f'kull att iehor sussgwenti.

Importanti wkoll illi dan l-indirizz moghti mill-istess appellanti fuq l-avvizi gie wkoll imnizzel fuq l-avviz ghas-smiegh ghal prezenti rikors u dan gie notifikat lill-istess Joseph Abela et fis-7 ta' Jannar 1999 billi l-purtier ta' dan il-Qorti li nzerta kien l-istess purtier li ghamel in-notifika tal-avvizi ghal hlas tal-kawtela, halla l-att f'idejn Pauline Abela (mart Joseph Abela wkoll appellanti) fl-indirizz moghti Hal-Safi, u cioe' fl-indirizz "Christus Rex".

Din il-Qorti hi aktar minn sodisfatta illi l-appellanti gew notifikati debitament bl-avvizi ghas-smiegh u ghall-hlas tal-kawtela u appell principali. Gew notifikati fl-indirizz li taw huma stess bhala lok fejn kellhom jigu notifikati. Hi sodisfatta wkoll illi huma kienu regolarment fiz-zmien rilevanti joqoghdu f'dan il-fond. Issib li x-xhieda ta' Theresa Cachia hi ghal kollox inattendibbli meta tghid "it-tifla tieghi Pauline u r-

ragel taghha Joe Abela ma nafx sew fejn joqghodu pero' naf li ghandhom id-dar taghhom. Ma jigux ghandi ta' spiss. Gieli ndum ma narahom. Ma nafx jekk it-tifla tieghi toqghodx fl-istess triq tieghi". Kif lanqas tikkunsidra attendibbli illi "ma niftakarx li xi hadd gie mill-Qorti b'xi karta …………… ma niftakarx li xi sena u nofs ilu gie xi hadd b'xi karta tal-Qorti".

Din il-Qorti tqis illi l-appellanti ttantaw jabbuzaw mill-process tan-notifika billi jikkonfondu l-Qorti fuq fejn kienet r-residenza proprju taghhom. Din il-Qorti kellha tkun gwidata bl-indirizz li taw huma stess bhala l-post fejn riedu li jkunu notifikati bl-atti li l-Qorti necessarjament kellha tipprezumi li kienet id-dar tar-residenza taghhom kif ukoll li l-persuna li zgur tabita f'dik id-dar u li certament kienet u ghadha toqghod fih, Theresa Cachia omm l-appellanti – kienet minnhom awtorizzata biex f'isimhom tircievi l-atti. Minn l-asjem kollu tal-provi, din il-Qorti ma ssibx illi l-appellanti kienu in buona fede meta ghamlu r-rikors taghhom tal-11 ta' Dicembru 1998. Issib li ma kienu bl-ebda mod kredibbli u attendibbli u li kellha allura tistrieh kompletament fuq il-korrettezza tar-riferta tal-ufficjal ezekutur li lilu taghti affidabilita' shiha.

Ghal dawn il-motivi, t-talba tal-appellanti kontenuta fir-rikors tal-11 ta' Dicembu 1998, qed tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Dep/Reg

mg